



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2011/0428(COD)

17.7.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza fl-Ikel

dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) (COM(2011)0874 – C7-0498/2011 – 2011/0428(COD))

Rapporteur: Patrice Tirolien

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Programm LIFE huwa l-istrument prinċipali ta' finanzjament dirett tal-politika Komunitarja ta' ħarsien tal-ambjent, tal-bijodiversità u ta' adattament għat-tibdil klimatiku.

Il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali tintroduċi assi ta' azzjoni kontra t-tibdil klimatiku li għandu bħala konsegwenza r-reviżjoni tal-pakkett globali ta' dan il-programm li l-objettivi tiegħu jinsabu fil-qalba tal-Istrateġija UE 2020. L-iżvilupp tal-politiki ambjentali huwa essenzjali għal tkabbir sostenibbli tal-Unjoni.

Ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom jappoġġja għalkollox din l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tippromwovi sinerġiji aħjar tal-programm LIFE bil-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari permezz ta' inizjattivi piloti, it-tisħiħ pluriennali tal-programmazzjoni u l-introduzzjoni ta' proġetti integrati. Madankollu, ir-rapporteur tagħkom għal opinjoni jqis li għadhom iridu jsiru ċertu għadd ta' kjarifiki fir-rigward tal-effikaċja tal-ikkombinar bejn programmi li jippreżentaw diverġenzi kbar f'dak li hu l-mod ta' governanza tagħhom.

Ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom iqis f'dan ir-rigward li jkun kontroproduttiv li l-VAT bħan-nefġiet tal-persunal jiġi eskluż mill-finanzjament tal-proġett. Fil-fatt, l-impatt ta' tali miżura fir-rigward tal-objettivi ta' semplifikazzjoni u ta' tisħiħ tal-kaċitajiet tekniċi u amministrattivi ta' dawk li jippromwovu l-proġetti jidher li fl-aħħar ikun wieħed negattiv. Barra minn hekk, jidhirlu li hi ħaġa essenzjali li jinżammu, kemm jista' jkun, ċerti prinċipji fundamentali relatati mar-regoli finanzjarji tal-politika ta' koeżjoni.

Fid-dibattitu dwar l-ekwilibriju ġeografiku fil-għażla tal-proġetti, ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom huwa favur rata ta' kofinanzjament akbar favur ċerti reġjuni żvantaġġjati li għandhom ekosistenmi partikolarment sensitivi.

Għalkemm il-programm LIFE għandu jirrikompensa d-dinamika ta' proġetti lokali, il-proġetti integrati jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-għarfien ta' dan il-programm u r-rabtiet mal-assi l-oħra ta' azzjoni tal-Unjoni. Dawn għandhom ikunu għalhekk l-oġġett ta' ekwilibriju ġeografiku aktar strett bil-għan li l-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jgawdu minnu għalkollox. Dan it-tip ta' azzjoni jista' jsaħħaħ b'mod nett l-effett ta' ingranaġġ tal-programm LIFE. F'dan is-sens, ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom ippropona f'dan is-sens kofinanzjament li hu nettament aktar għoli għal dawn il-proġetti kif ukoll it-talba li jitqies il-programm LIFE waqt li jkun qed jiġi żviluppat il-Qafas Strateġiku Komunitarju.

Ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom iqis li hu meħtieġ li jissaħħaħ l-approċċ skont il-baċir u ġew imressqa f'dan is-sens emendi li jikkonċernaw aċċettazzjoni aktar wiesgħa tal-ambjent tal-baħar kif ukoll ikkombinar mal-assi esterni ta' azzjoni tal-Unjoni. F'dan is-sens, huwa xtaq li jiġi magħruf b'mod ċara l-istatus tal-promoturi tal-proġetti tal-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej bis-saħħa tas-sħubija msaħħa tagħhom mal-UE u l-appartenenza tagħhom għall-Istati Membri.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Minħabba li l-effetti ta' ħsara għall-ambjent u l-klima ta' spiss jirriżultaw mill-attivitajiet ta' pajjiżi fil-viċinanza tal-Unjoni, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-fruntieri esterni, il-pajjiżi u territorji extra-Ewropej u r-reġjuni l-aktar imbiegħda tagħha sabiex jiġu żgurati l-garanziji strateġiċi neċessarji u tiġi evitata l-ħsara għall-ambjent; barra minn hekk, minħabba li r-reġjuni l-aktar imbiegħda Franċiżi huma esklużi min-Natura 2000 għax id-Direttivi 92/43/KE u 2009/147/KE ma jqisux, jew jelenkaw, il-fawna, il-flora jew il-habitats tagħhom; b'kunsiderazzjoni tal-Messaġġ mill-Ġżira Reunion ta' Lulju 2008 u b'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2011, li jinkoraġġixxu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu approċċ komuni fil-qasam tal-konservazzjoni tan-natura fit-territorju kollu tal-Unjoni, anke fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej tal-Istati Membri, kif ukoll mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bl-isem 'L-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna: strateġija tal-biodiversità tal-UE għall-2020', li fiha l-Kummissjoni fittxet li tespandi u tħeġġeġ

l-inizjattiva BEST (il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi fit- Territorji ekstra-Ewropej), dan ir-Regolament għandu, bħala parti mis-sottoprogramm tagħha għall-Ambjent, ipoġġi bħala qasam ta' prijorità speċifika li għadha għaddejjja l-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema fir-reġjuni l-aktar imbiegħda msemmija fl-Artikolu 349 TFUE, b'hekk tiġi kkonsolidata l-azzjoni preparatorja BEST li tniedet fl-2011 u qed tirriżulta ta' suċċess kbir; u kif indikat fl-Artikolu 58 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2001/822/KE dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej mal-Komunità Ewropea (“Deċiżjoni ta’ Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji extra-Ewropej”)¹, il-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej jistgħu jibbenefikaw mill-programmi Komunitarji, skont il-kundizzjonijiet tar-regoli u l-oġettivi tal-programmi u tal-modalitajiet applikabbli għall-Istat Membru li miegħu jagħmlu l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej.

¹ *ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1.*

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Ir-rekwiżiti ambjentali u klimatiċi għandhom ikunu integrati f'politiki u attivitajiet tal-Unjoni Il-Programm LIFE għandu għalhekk jikkomplementa programmi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd, u Orizzont 2020. Il-Kummissjoni u l-Istati

Emenda

(10) Ir-rekwiżiti ambjentali u klimatiċi għandhom ikunu integrati f'politiki u attivitajiet tal-Unjoni Il-Programm LIFE għandu għalhekk jikkomplementa programmi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd, u Orizzont 2020. Il-Kummissjoni u l-Istati

Membri għandhom jiżguraw din il-komplementarjetà fil-livelli kollha. Fil-livell tal-Unjoni, il-komplementarjetà għandha tiġi żgurata billi tiġi stabbilita kooperazzjoni strutturata bejn il-Programm LIFE u programmi ta' finanzjament tal-Unjoni b'immaniġġjar konġunt fil-Qafas Strateġiku Komuni, partikolarment biex jiġi promoss il-finanzjament tal-attivitajiet li jikkomplimentaw il-Proġetti Integrati jew jiġi sostnut l-użu ta' soluzzjonijiet, metodi u approċċi żviluppatti fi ħdan il-Programm LIFE. Il-Programm LIFE għandu wkoll jinkoraġġixxi l-introduzzjoni tar-riżultati ta' riċerka u innovazzjoni b'rabta mal-ambjentali u l-klima ta' Orizzont 2020. Fi ħdan dan il-kuntest għandu joffri opportunitajiet ta' kofinanzjament għal proġetti b'benefiċċji ambjentali u klimatiċi ċari sabiex jiġu żgurati sinerġiji. Il-koordinazzjoni hija meħtieġa sabiex jiġi evitat finanzjament doppju.

Membri għandhom jiżguraw din il-komplementarjetà fil-livelli kollha. Fil-livell tal-Unjoni, il-komplementarjetà għandha tiġi żgurata billi tiġi stabbilita kooperazzjoni strutturata bejn il-Programm LIFE u programmi ta' finanzjament tal-Unjoni b'immaniġġjar konġunt fil-Qafas Strateġiku Komuni, partikolarment biex jiġi promoss il-finanzjament tal-attivitajiet li jikkomplimentaw il-Proġetti Integrati jew jiġi sostnut l-użu ta' soluzzjonijiet, metodi u approċċi żviluppatti fi ħdan il-Programm LIFE. ***Biex jiġu żgurati ċ-ċarezza legali u l-fattibilità Prattika tal-Proġetti Integrati LIFE, il-kooperazzjoni bejn fondi oħra tal-Unjoni u l-Proġetti Integrati għandha tkun espliċitament prevista fir-Regolament (UE) Nru.../... [CPR]. Għandhom jitwaqqfu arranġamenti speċifiċi biex tiġi stabbilita kooperazzjoni fi stadju bikri, sabiex il-vantaġġi tal-Proġetti Integrati jitqiesu matul it-tnejn tal-kuntratti ta' sħubija u l-programmi operattivi jew il-programmi dwar l-iżvilupp rurali.*** Il-Programm LIFE għandu wkoll jinkoraġġixxi l-introduzzjoni tar-riżultati ta' riċerka u innovazzjoni b'rabta mal-ambjentali u l-klima ta' Orizzont 2020. Fi ħdan dan il-kuntest għandu joffri opportunitajiet ta' kofinanzjament għal proġetti b'benefiċċji ambjentali u klimatiċi ċari sabiex jiġu żgurati sinerġiji. Il-koordinazzjoni hija meħtieġa sabiex jiġi evitat finanzjament doppju.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) It-twaqqif u t-treġġiġh lura tat-telf tal-bijodiversità u t-titjib fl-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, flimkien mal-indirizzar tal-preokkupazzjonijiet b'rabta mal-ambjent u

Emenda

(11) It-twaqqif u t-treġġiġh lura tat-telf tal-bijodiversità u t-titjib fl-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, flimkien mal-indirizzar tal-preokkupazzjonijiet b'rabta mal-ambjent u

s-saħħa, jibqgħu l-isfidi ewlenin għall-Unjoni. Dawn l-isfidi jeħtieġu sforzi ikbar fil-livell tal-Unjoni biex jiġu pprovduti soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jgħinu jinkisbu l-miri tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Ewropa 2020: strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv "(minn hawn 'il quddiem "L-Istrateġija Ewropa 2020"). Barra minn hekk, governanza mtejba, partikolarment permezz tas-sensibilizzazzjoni u l-involviment tal-partijiet konċernati, hija essenzjali għall-ilħuq tal-oġġettivi ambjentali. Għalhekk is-sottoprogramm għall-Ambjent għandu jkollu *tlit* oqsma prijoritarji għall-azzjoni: Ambjent u Effiċjenza fir-Riżorsi, Bijodiversità, u Governanza Ambjentali u Informazzjoni. Għandu jkun possibbli għall-proġetti ffinanzjati mill-Programm LIFE li jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi speċifiċi ta' iktar minn wieħed minn dawn l-oqsma prijoritarji u li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' iktar minn Stat Membru wieħed.

s-saħħa, jibqgħu l-isfidi ewlenin għall-Unjoni. Dawn l-isfidi jeħtieġu sforzi ikbar fil-livell tal-Unjoni biex jiġu pprovduti soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jgħinu jinkisbu l-miri tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Ewropa 2020: strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv "(minn hawn 'il quddiem "L-Istrateġija Ewropa 2020"). Barra minn hekk, governanza mtejba, partikolarment permezz tas-sensibilizzazzjoni u l-involviment tal-partijiet konċernati, hija essenzjali għall-ilħuq tal-oġġettivi ambjentali. ***Biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, l-Unjoni – filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza fundamentali tal-konservazzjoni tal-bijodiversità fir-reġjuni l-aktar imbiegħda – għandha tafferma l-iskema volontarja għall-promozzjoni tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-BEST f'dawk ir-reġjuni l-aktar imbiegħda msemmija fl-Artikolu 349 TFUE li għalihom ma tapplikax il-leġiżlazzjoni tal-ħarsien tal-ambjent tal-Unjoni (Direttivi 92/43/KE u 2009/147/KE), b'hekk tiegħu tagħlima mill-esperjenza akkwistata permezz tal-politika tal-konservazzjoni tan-natura tal-Unjoni u b'mod partikolari Natura 2000.*** Għalhekk is-sottoprogramm għall-Ambjent għandu jkollu *erba'* oqsma prijoritarji għall-azzjoni: Ambjent u Effiċjenza fir-Riżorsi, Bijodiversità, Governanza Ambjentali u Informazzjoni, ***u BEST fir-reġjuni l-aktar imbiegħda.*** Għandu jkun possibbli għall-proġetti ffinanzjati mill-Programm LIFE li jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi speċifiċi ta' iktar minn wieħed minn dawn l-oqsma prijoritarji u li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' iktar minn Stat Membru wieħed.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 13

(13) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "L-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna: strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020" (minn hawn 'il quddiem "L-Istrateġija tal-Unjoni għall-Bijodiversità sal-2020") stabilixxiet miri biex twaqqaf u treġġa' lura t-telf tal-bijodiversità. Dawn il-miri jinkludu fost oħrajn, l-implementazzjoni shiġha tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi, kif ukoll iż-żamma u r-restawr tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom. Il-Programm LIFE għandu jikkontribwixxi biex jinkisbu dawk il-miri. Għalhekk, il-qasam prijoritarju Bijodiversità għandu jiffoka fuq l-implementazzjoni u l-immaniġjar tan-netwerk ta' Natura 2000 stabiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, partikolarment fir-rigward tal-Oqfsa ta' Azzjoni Prijoritizzata previsti fl-Artikolu 8 tal-istess Direttiva, dwar l-iżvilupp u t-tixrid tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-bijodiversità, u d-Direttivi 2009/147/KE u 92/43/KEE, kif ukoll dwar l-isfidi usa' tal-bijodiversità identifikati mill-Istrateġija tal-Unjoni għall-Bijodiversità sal-2020;

(13) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "L-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna: strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020" (minn hawn 'il quddiem "L-Istrateġija tal-Unjoni għall-Bijodiversità sal-2020") stabilixxiet miri biex twaqqaf u treġġa' lura t-telf tal-bijodiversità. Dawn il-miri jinkludu fost oħrajn, l-implementazzjoni shiġha tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi, kif ukoll iż-żamma u r-restawr tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom. Il-Programm LIFE għandu jikkontribwixxi biex jinkisbu dawk il-miri. Għalhekk, il-qasam prijoritarju Bijodiversità għandu jiffoka fuq l-implementazzjoni u l-immaniġjar tan-netwerk ta' Natura 2000 stabiliti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, partikolarment fir-rigward tal-Oqfsa ta' Azzjoni Prijoritizzata previsti fl-Artikolu 8 tal-istess Direttiva, dwar l-iżvilupp u t-tixrid tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-bijodiversità, u d-Direttivi 2009/147/KE u 92/43/KEE, kif ukoll dwar l-isfidi usa' tal-bijodiversità identifikati mill-Istrateġija tal-Unjoni għall-Bijodiversità sal-2020. ***Il-kontribut ta' LIFE għall-ħtiġijiet annwali ta' finanzjament għan-network Natura 2000 għandu jitqies u jkun determinat fil-kuntest tal-ispejjeż tal-bijodiversità b'kopertura li tiġi minn fondi oħra tal-Unjoni. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2012 dwar l-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna: strateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2020 il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li***

tal-anqas EUR 5 800 miljun kull sena huma provduti permezz ta' finanzjament tal-Unjoni u tal-Istati Membri u li l-finanzjament adegwat jitqiegħed għad-dispożizzjoni permezz ta' diversi fondi tal-Unjoni (pereżempju l-fondi PAK, il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd, il-Fondi ta' Koeżjoni u l-fond LIFE+ imsaħħaħ), b'koordinament u koerenza aħjar bejn dawn il-fondi, inter alia permezz tal-kunċett tal-Proġetti Integrati, filwaqt li b'hekk titjeb it-trasparenza għar-reġġjuni differenti li jirċievu l-fondi tal-Unjoni;

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) Bil-għan li tiġi ottimizzata l-utilizzazzjoni ta' riżorsi tal-programm LIFE, is-sinerġiji bejn l-azzjoni għall-ħarsien tal-bijodiversità u l-miżuri li għandhom l-għan li jtaffu l-impatt tat-tibdil tal-klima għandhom ikunu inkoraġġiti partikolarment permezz tal-promozzjoni ta' proġetti li jsalvagwardjaw l-ekosistemi lokali.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16) Il-qasam prijoritarju Mitigazzjoni tal-Bidla Klimatika għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implementazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni b'rabta mal-klima, partikolarment **fir-rigward** tal-monitoraġġ u r-rapportar tal-gassijiet serra, il-politiki relatati mal-użu tal-art, il-bidla fl-użu tal-art u l-forestrija, **is-sistemi tan-**

(16) Il-qasam prijoritarju Mitigazzjoni tal-Bidla Klimatika għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implementazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni b'rabta mal-klima, partikolarment **billi jappoġġa s-sinerġiji ma' objettivi ambjentali oħra, bħall-bijodiversità fl-oqsma** tal-monitoraġġ u r-rapportar tal-gassijiet

negozjar tal-emissjonijiet, l-isforzi tal-Istati Membri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju, l-enerġija rinovabbli, l-effiċjenza enerġetika, it-trasport u l-fjuwils, il-protezzjoni tas-saff tal-ożonu u l-gassijiet fluworinati.

b'effett ta' serra, l-użu tal-art, il-bidla fl-użu tal-art u l-forestrija, il-konservazzjoni ta' postijiet naturali għall-assorbiment tal-karbonju, approċċi favur l-ekosistemi fl-iżvilupp tal-enerġija rinovabbli, l-effiċjenza enerġetika, it-trasport u l-fjuwils, il-protezzjoni tas-saff tal-ożonu u l-gassijiet fluworinati.

Ġustifikazzjoni

Il-ġestjoni u l-irkupru tal-iskart huma responsabilità importanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Il-ġestjoni sostenibbli ta' din l-attività għandha tiġi inkoraġġita.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Diġà qed naraw l-ewwel konsegwenzi tal-bidla klimatika fl-Ewropa u madwar id-dinja, bħalma huma kundizzjonijiet estremi tat-temp li wasslu għal għargħar u nixfiet, u temperaturi u livelli tal-baħar eskalenti. Il-qasam prijoritarju l-Adattament għall-Bidla Klimatika għandu għalhekk jikkontribwixxi għall-adattament għal dawn l-impatti attravers popolazzjonijiet, is-setturi ekonomiċi u r-reġjuni kollha biex **tkun żgurata Unjoni** aktar reżiljenti permezz ta' miżuri u strateġiji speċifiċi ta' adattament. Azzjonijiet f'dan il-qasam għandhom ikunu komplimentari għall-azzjonijiet eliġibbli għal finanzjament fi ħdan l-istrument finanzjarju għall-protezzjoni ċivili.

Emenda

(17) Diġà qed naraw l-ewwel konsegwenzi tal-bidla klimatika fl-Ewropa u madwar id-dinja, bħalma huma kundizzjonijiet estremi tat-temp li wasslu għal għargħar u nixfiet, u temperaturi u livelli tal-baħar eskalenti. Il-qasam prijoritarju l-Adattament għall-Bidla Klimatika għandu għalhekk jikkontribwixxi għall-adattament għal dawn l-impatti attravers popolazzjonijiet, is-setturi ekonomiċi u r-reġjuni kollha biex **ikun żgurat ambjent** aktar reżiljenti permezz ta' miżuri u strateġiji speċifiċi ta' adattament. Azzjonijiet f'dan il-qasam għandhom ikunu komplimentari għall-azzjonijiet eliġibbli għal finanzjament fi ħdan l-istrument finanzjarju għall-protezzjoni ċivili **u għandhom jiffokaw prinċipalment fuq approċċi bbażati fuq l-ekosistemi, li jappoġġaw kobenefiċċji li jkunu kosteffiċjenti ma' objettivi ambjentali oħra.**

Emenda 8

**Proposta għal regolament
Premessa 21**

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Sabiex tittiejjeb l-implementazzjoni tal-politika ambjentali u klimatika u tittiejjeb l-integrazzjoni tal-obiettivi klimatiċi u ambjentali f'politiki oħra, il-Programm LIFE għandu jippromwovi proġetti li jappoġġaw approċċi integrati lejn l-implementazzjoni ta' leġislazzjoni u politika ambjentali u klimatika. Għas-sottoprogramm Ambjent, daww il-proġetti għandhom jiffokaw primarjament fuq l-implementazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni għall-Bijodiversità sal-2020, b'attenzjoni partikolari għall-immaniġjar u l-konsolidazzjoni effikaċi tan-netwerk Natura2000 stabbilit bid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE permezz tal-implementazzjoni tal-Oqfsa ta' Azzjoni Prijoritizzata prevista fl-Artikolu 8 tal-istess Direttiva, tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, u l-leġislazzjoni tal-Iskart u l-Arja. Daww il-proġetti filwaqt li jiffokaw fuq it-temi identifikati ser ikunu mekkaniżmu ta' eżekuzzjoni bi skopijiet diversi (eż. bil-mira ta' benefiċċji ambjentali u l-bini tal-kapaċità) li jippermetti biex jintlaħqu riżultati f'oqsmha oħra ta' politika, partikolarment id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija tal-Ambjent Marin) . Daww it-tipi ta' proġetti jistgħu jkunu kkunsidrati f'oqsmha ambjentali oħra. Għas-sottoprogramm għall-Azzjoni Klimatika, daww il-proġetti għandhom jiffokaw partikolarment fuq l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni ta' mitigazzjoni u ta'

Emenda

(21) Sabiex tittiejjeb l-implementazzjoni tal-politika ambjentali u klimatika u tittiejjeb l-integrazzjoni tal-obiettivi klimatiċi u ambjentali f'politiki oħra, il-Programm LIFE għandu jippromwovi proġetti li jappoġġaw approċċi integrati lejn l-implementazzjoni ta' leġislazzjoni u politika ambjentali u klimatika. Għas-sottoprogramm Ambjent, daww il-proġetti għandhom jiffokaw primarjament fuq l-implementazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni għall-Bijodiversità sal-2020, b'attenzjoni partikolari għall-immaniġjar u l-konsolidazzjoni effikaċi tan-netwerk Natura2000 stabbilit bid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE permezz tal-implementazzjoni tal-Oqfsa ta' Azzjoni Prijoritizzata prevista fl-Artikolu 8 tal-istess Direttiva, tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, u l-leġislazzjoni tal-Iskart u l-Arja. Daww il-proġetti filwaqt li jiffokaw fuq it-temi identifikati ser ikunu mekkaniżmu ta' eżekuzzjoni bi skopijiet diversi (eż. bil-mira ta' benefiċċji ambjentali u l-bini tal-kapaċità) li jippermetti biex jintlaħqu riżultati f'oqsmha oħra ta' politika, partikolarment id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija tal-Ambjent Marin) . Daww it-tipi ta' proġetti jistgħu jkunu kkunsidrati f'oqsmha ambjentali oħra. Għas-sottoprogramm għall-Azzjoni Klimatika, daww il-proġetti għandhom jiffokaw partikolarment fuq l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni ta' mitigazzjoni u ta'

adattament għall-bidla klimatika. Dawk it-tipi ta' proġetti għandhom jappoġġaw biss sensiela ta' attivitajiet u miżuri speċifiċi, waqt li attivitajiet oħra li jikkomplementaw dawk inklużi fil-proġett għandhom jiġu sostnuti minn programmi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni, kif ukoll minn fondi nazzjonali, reġjonali u mis-settur privat. Finanzjament mill-Programm LIFE għandu jisfrutta s-sinerġiji u jiżgura konsistenza bejn sorsi differenti ta' finanzjament mill-Unjoni billi jipprovdi attenzjoni strateġika ambjentali u klimatika.

adattament għall-bidla klimatika. Dawk it-tipi ta' proġetti għandhom jappoġġaw biss sensiela ta' attivitajiet u miżuri speċifiċi, waqt li attivitajiet oħra li jikkomplementaw dawk inklużi fil-proġett għandhom jiġu sostnuti minn programmi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni, kif ukoll minn fondi nazzjonali, reġjonali u mis-settur privat. Finanzjament mill-Programm LIFE għandu jisfrutta s-sinerġiji u jiżgura konsistenza bejn sorsi differenti ta' finanzjament mill-Unjoni billi jipprovdi attenzjoni strateġika ambjentali u klimatika. ***Il-Proġetti Integrati se jibbenefikaw minn fondi oħra billi jżidu l-kapaċità ta' assorbiment tal-infiq relatat mal-ambjent u mal-klima. Minħabba n-novità u n-nuqqas ta' esperjenza wiesgħa mal-approċċ 'Proġett Integrat', il-partijiet interessati għandhom, jekk ikun meħtieġ, jiġu appoġġati permezz ta' żieda fir-rata ta' kofinanzjament u assistenza teknika fil-fażi ta' tħejjija. Minbarra dan, il-fażi tal-applikazzjoni għandha titħaffef permezz ta' proċedura ta' selezzjoni f'żewġ passi. Jeħtieġ li jkun ffaċilitati l-iskambji rigward l-approċċi integrati li ġew magħżula, filwaqt li jiġu involuti s-setturi amministrattivi kompetenti u l-partijiet interessati. L-esperjenza tal-ewwel snin tal-ipprogrammar wriet li l-fatturi li jiddeterminaw l-aħjar funzjonament u s-suċċess tal-Proġetti Integrati għandhom ikunu analizzati. Abbażi ta' din l-analiżi u tal-fondi disponibbli, jistgħu jiġu inklużi setturi ġodda fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-Proġetti Integrati.***

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 21b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21b) Is-suċċess tal-proġetti integrati tiddependi minn kollaborazzjoni mill-qrib

bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali, lokali u atturi mhux statali kkonċernati mill-objettivi allokat lill-programm LIFE. Il-prinċipji ta' trasparenza u ta' pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet relatati mal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti għandhom għalhekk ikunu applikati.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26a) Il-kumpens tal-VAT huwa importanti bħala l-mezz li bih jiġi żgurat li l-entitajiet b'riżorsi finanzjarji relattivament limitati, bħall-NGOs u l-korpi lokali u reġjonali, għandhom ikunu wkoll kapaċi jimplementaw il-proġetti LIFE.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30) Sabiex jiġi żgurat l-aħjar użu possibbli tal-fondi tal-Unjoni u biex jiġi żgurat valur miżjud Ewropew, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu ddelegati lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kriterji tal-eliġibilità għas-selezzjoni tal-proġetti, tal-kriterji għall-applikazzjoni ta' bilanċ ġeografiku għal "Proġetti Integrati", u tal-indikaturi tal-prestazzjoni applikabbli għal prijoritajiet tematiċi speċifiċi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta'

(30) Sabiex jiġi żgurat l-aħjar użu possibbli tal-fondi tal-Unjoni u biex jiġi żgurat valur miżjud Ewropew, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu ddelegati lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kriterji tal-eliġibilità għas-selezzjoni tal-proġetti, tal-kriterji għall-applikazzjoni ta' bilanċ ġeografiku għal "Proġetti Integrati", u tal-indikaturi tal-prestazzjoni applikabbli għal prijoritajiet tematiċi speċifiċi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-

esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tfejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

esperti ***u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali***. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tfejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Madankollu, atti delegati għandhom ikunu adottati biss meta jkun xieraq, li jissalvagwardjaw id-dritt tal-Parlament Ewropew li joġġezzjona għall-miżuri adottati mill-Kummissjoni.***

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet lokali għandhom ikunu involuti aktar mill-qrib fil-proċess ta' komitoloġija.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) “proġetti pilota” tfisser proġetti li japplikaw teknika jew metodu li ma jkunux ġew applikati jew ittestjati qabel, jew xi mkien ieħor, u li joffru vantaġġi potenzjali ambjentali jew klimatiċi meta mqabbla mal-aħjar prassi kurrenti;

Emenda

(a) “proġetti pilota” tfisser proġetti li japplikaw teknika jew metodu li ma jkunux ġew applikati jew ittestjati qabel, jew xi mkien ieħor, u li joffru vantaġġi potenzjali ambjentali jew klimatiċi meta mqabbla mal-aħjar prassi kurrenti ***u li sussegwentement jistgħu jiġu applikati fuq skala akbar għal sitwazzjonijiet simili;***

Ġustifikazzjoni

Ir-riżultati tal-proġetti pilota jistgħu jservu bħala eżempju li jrid jissegwa minn awtoritajiet lokali u reġjonali oħra jew għal proġetti ta' kooperazzjoni transkonfinali.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

d) “proġetti integrati” tfisser proġetti li jimplementaw b'mod sostenibbli, fuq skala

Emenda

(d) “proġetti integrati” tfisser proġetti li jimplementaw b'mod sostenibbli, fuq skala

territorjali kbira, partikolarment, reġjonali, multireġjonali jew nazzjonali, strateġiji jew pjanijiet ta' azzjoni ambjentali jew klimatiċi meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni ambjentali jew klimatika tal-Unjoni, jew skont atti oħra tal-Unjoni jew żviluppatti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri;

territorjali kbira, partikolarment, reġjonali, multireġjonali jew nazzjonali **jew transnazzjonali**, strateġiji jew pjanijiet ta' azzjoni ambjentali jew klimatiċi meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni ambjentali jew klimatika tal-Unjoni, jew skont atti oħra tal-Unjoni jew żviluppatti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri **jew reġjonali u li jippromwovu, u jekk possibbli, jikkordinaw u jimmobilizzaw sorsi oħra ta' finanzjament minn fondi Komunitarji, nazzjonali u privati lejn objettivi ambjentali jew klimatiċi u lejn sfidi ta' implimentazzjoni prinċipali f'azzjonijiet interni jew esterni;**

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li wieħed jisħaq kemm jiflaħ fuq l-importanza tal-koordinazzjoni; hu meħtieġ li jsir xogħol ta' koordinazzjoni fl-oqsma kollha tal-attività tal-UE, b'mod partikolari fl-azzjoni esterna, bil-għan li jinvolvi l-pajjiżi ġirien tal-UE li diġà huma inklużi f'politiki ta' kooperazzjoni fil-ġestjoni ta' baċini reġjonali.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

e) “proġetti ta' assistenza teknika” tfisser proġetti bil-għan li jsostnu l-preparazzjoni ta' proġetti integrati msemmija fil-punt (d);

Emenda

e) “proġetti ta' assistenza teknika” tfisser proġetti bil-għan li jsostnu **l-awtoritajiet tal-Istati Membri u reġjonali fil-preparazzjoni** ta' proġetti integrati msemmija fil-punt (d);

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Skont ir-responsabilitajiet rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni bejn

Emenda

3. Skont ir-responsabilitajiet rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, **bi sforz attiv u miftiehem,**

il-Programm LIFE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, jew il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd, sabiex jinħolqu sinerġiji, partikolarment fil-kuntest ta' Proġetti Integrati msemmija fl-Artikolu 18 il-punt (d), u biex isostnu l-użu ta' soluzzjonijiet, metodi u approċċi żviluppati taħt il-Programm LIFE. Fil-livell tal-Unjoni, il-koordinazzjoni għandha sseħħ fi ħdan Qafas Strateġiku Komuni msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru... (Ir-Regolament QSK). (Ir-Regolament QSK).

għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni bejn il-Programm LIFE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, jew il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd, sabiex jinħolqu sinerġiji ***u proċeduri armonizzati***, partikolarment fil-kuntest ta' Proġetti Integrati msemmija fl-Artikolu 18, punt (d) ***u mwettqa bħala proġetti ta' żvilupp lokali mmexxija minn partijiet interessati u taħt strateġiji ta' żvilupp lokali msemmija fl-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament (UE) Nru ... (Ir-Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni)***, u biex isostnu l-użu ta' soluzzjonijiet, metodi u approċċi żviluppati taħt il-Programm LIFE. Fil-livell tal-Unjoni, il-koordinazzjoni għandha sseħħ fi ħdan Qafas Strateġiku Komuni msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru... (Ir-Regolament QSK). ***(Ir-Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali). Fil-kuntratti ta' sħubija tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru XXX/xxx (ir-Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali), l-Istati Membri jridu jindikaw il-mekkaniżmi fil-livell nazzjonali u reġjonali, li jippermettu li tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-programm LIFE u l-fondi l-oħra imsemmija fir-Regolament (UE) Nru XXX/xxxx (ir-Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali).***

Ġustifikazzjoni

Ħarsa ġenerali fi stadju bikri lejn il-proġetti integrati u l-fondi l-oħra li jaqgħu taħt l-ambitu tal-approċċ integrat previst fl-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali se tottimizza s-sinerġiji bejn l-oġettivi tal-programm LIFE u l-istrateġiji ta' żvilupp reġjonali tal-UE.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-ghajjnuna teknika lill-proġetti għandha tagħti appoġġ finanzjarju permezz ta' għotjiet maħsuba biex jgħinu lill-kandidati jħejju l-proġetti integrati u, b'mod partikolari, għandhom jassiguraw ruħhom li dawn il-proġetti huma kompatibbli mal-limitazzjonijiet tekniċi, finanzjarji u ta' skadenzi tal-programm LIFE u tal-programmi elenkati fil-paragrafu 3.

Ġustifikazzjoni

Hu meħtieġ appoġġ tekniku għal proġetti integrati, partikolarment għar-reġjuni b'korpi amministrattivi b'esperjenza żgħira ta' dan it-tip ta' proġett, bil-għan li jassigura li jkunu implimentati bl-aħjar mod possibbli mat-territorju kollu tal-UE,

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Tal-inqas **50 %** tar-riżorsi baġitarji allokatu għal proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet ta' azzjoni taħt is-sottoprogramm Ambjent għandhom ikunu ddedikat għall-proġetti li jappoġġaw il-konservazzjoni tan-natura u l-bijodiversità.

2. Tal-inqas **75 %** tar-riżorsi baġitarji allokatu għal proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet ta' azzjoni taħt is-sottoprogramm Ambjent għandhom ikunu ddedikat għall-proġetti li jappoġġaw il-konservazzjoni tan-natura u l-bijodiversità.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 10 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

b) biex jiġu sostnuti l-applikazzjoni, l-

b) biex jiġu sostnuti l-applikazzjoni, l-

iżvilupp, l-ittejtjar u d-dimoztrazzjoni ta' approċċi integrati għall-implementazzjoni ta' pjanijiet u programmi skont il-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, primarjament fl-oqsma tal-ilma, l-iskart u l-arja;

iżvilupp, l-ittejtjar u d-dimoztrazzjoni ta' approċċi integrati għall-implementazzjoni ta' pjanijiet u programmi skont il-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, primarjament fl-oqsma tal-ilma, ***l-ambjent tal-baħar, tal-ħamrija***, l-iskart u l-arja;

Ġustifikazzjoni

Aċċettazzjoni akbar tal-ispazji marittimi għandha twassal għall-inkoraġġiment ta' strateġija aktar globali, fil-loġika tal-Politika Marittima Integrata. Barra minn hekk, f'għadd kbir ta' reġjuni, hija ħaġa tal-akbar mportanza li jiġi indirizzat it-tniġġis tal-ħamrija, li nqisu li hija marbuta mill-qrib ħafna mal-ħarsien tal-ilma u mal-prevenzjoni tal-produzzjoni ta' żibel.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 10 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

c) biex tittejjeb il-bażi tal-għarfien għall-iżvilupp, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, u għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-fatturi, tal-pressjonijiet u responsi li jkollhom impatt fuq l-ambjent fl-Unjoni u lil hinn minnha.

Emenda

c) biex tittejjeb il-bażi tal-għarfien għall-iżvilupp, ***l-implimentazzjoni***, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, u għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-fatturi, tal-pressjonijiet u responsi li jkollhom impatt fuq l-ambjent fl-Unjoni u lil hinn minnha.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 11 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

c) biex tittejjeb il-bażi tal-għarfien għall-iżvilupp, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni dwar il-bijodiversità tal-Unjoni, u għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-fatturi, tal-pressjonijiet u tar-responsi li jkollhom impatt fuq l-bijodiversità fl-Unjoni u lil hinn minnha.

Emenda

c) biex tittejjeb il-bażi tal-għarfien għall-iżvilupp, ***l-implimentazzjoni***, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni dwar il-bijodiversità tal-Unjoni, u għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-fatturi, tal-pressjonijiet u tar-responsi li jkollhom impatt fuq l-bijodiversità fl-Unjoni u lil hinn minnha.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) biex jappoġġa l-komunikazzjoni, l-immaniġġjar u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fil-qasam tal-ambjent, u biex jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar soluzzjonijiet u prattika ambjentali ta' suċċess, inkluż bl-iżvilupp ta' pjattaformi għall-kooperazzjoni bejn il-partijiet konċernati, u taħriġ;

Emenda

(b) biex jappoġġa l-komunikazzjoni, l-immaniġġjar u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fil-qasam tal-ambjent, u biex jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar soluzzjonijiet u prattika ambjentali ta' suċċess, inkluż bl-iżvilupp ta' pjattaformi għall-kooperazzjoni bejn il-partijiet konċernati, u taħriġ, **maħsuba għall-kategoriji tal-gruppi tal-età kollha u l-kategoriji ekonomiċi u soċjali;**

Ġustifikazzjoni

Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, indipendentement mil-livell tagħhom ta' struzzjoni jew l-età tagħhom għandha tgħin biex jitjieb l-għarfien ta' dan il-programm u tiżdied il-parteċipazzjoni fl-inizjattivi tiegħu.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) biex jappoġġa l-komunikazzjoni, l-immaniġġjar u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fil-qasam tal-ambjent, u biex jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar soluzzjonijiet u prattika ambjentali ta' suċċess, inkluż bl-iżvilupp ta' pjattaformi għall-kooperazzjoni bejn il-partijiet konċernati, u taħriġ;

Emenda

(b) biex jappoġġa l-komunikazzjoni, l-immaniġġjar u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fil-qasam tal-ambjent, u biex jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar soluzzjonijiet u prattika ambjentali ta' suċċess, inkluż bl-iżvilupp ta' pjattaformi għall-kooperazzjoni **reġjonali** bejn il-partijiet konċernati, u taħriġ;

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) biex jikkontribwixxi għall-implementazzjoni u l-iżvilupp tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-mitigazzjoni, inkluż ir-razzjonalizzar trasversali tal-oqsma ta' politika, partikolarment bl-iżvilupp, l-ittestjar u d-dimostrazzjoni ta' approċċi ta' politika jew maniġerjali, l-aħjar prassi u soluzzjonijiet għall-mitigazzjoni tal-bidla klimatika;

Emenda

(a) biex jikkontribwixxi għall-implementazzjoni u l-iżvilupp tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-mitigazzjoni, inkluż ir-razzjonalizzar trasversali tal-oqsma ta' politika, partikolarment ***billi jiġu appoġġjati s-sinerġiji ma' objettivi ambjentali oħrajn, bħall-bijodiversità, u*** bl-iżvilupp, l-ittestjar u d-dimostrazzjoni ta' approċċi ta' politika jew maniġerjali, l-aħjar prassi u soluzzjonijiet għall-mitigazzjoni tal-bidla klimatika;

Emenda 24

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) biex jikkontribwixxi għall-implementazzjoni u l-iżvilupp tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-adattament, inkluż ir-razzjonalizzar trasversali tal-oqsma ta' politika, partikolarment bl-iżvilupp, l-ittestjar u d-dimostrazzjoni ta' approċċi ta' politika jew maniġerjali, l-aħjar prassi u soluzzjonijiet għall-adattament għall-bidla klimatika;

Emenda

(a) biex jikkontribwixxi għall-implementazzjoni u l-iżvilupp tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-mitigazzjoni, inkluż ir-razzjonalizzar trasversali tal-oqsma ta' politika, partikolarment ***billi jiġu appoġġjati s-sinerġiji ma' objettivi ambjentali oħrajn, bħall-bijodiversità, u*** bl-iżvilupp, l-ittestjar u d-dimostrazzjoni ta' approċċi ta' politika jew maniġerjali ***bbażati fuq l-ekosistema,*** l-aħjar prassi u soluzzjonijiet għall-mitigazzjoni tal-bidla klimatika;

Emenda 25

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) biex itejjeb il-bażi tal-għarfien għall-iżvilupp, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-implementazzjoni ta'

Emenda

(b) biex itejjeb il-bażi tal-għarfien għall-iżvilupp, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-implementazzjoni ta'

azzjonijiet u miżuri effikaċi ta' adattament u jtejjeb il-kapaċità li l-għarfien jiġi applikat fil-prattika;

azzjonijiet u miżuri effikaċi ta' adattament ***ibbażati fuq l-ekosistema*** u jtejjeb il-kapaċità li l-għarfien jiġi applikat fil-prattika;

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) biex jiffaċilita l-iżvilupp u l-implementazzjoni ta' approċċi integrati, bħal għall-istrateġiji u pjanijiet ta' azzjoni għall-adattament, fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali;

Emenda

(c) biex jiffaċilita l-iżvilupp u l-implementazzjoni ta' approċċi integrati ***ibbażati fuq l-ekosistema***, bħal għall-istrateġiji u pjanijiet ta' azzjoni għall-adattament, fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali;

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji, sistemi, metodi u strumenti innovattivi tal-adattament li jkunu tajbin biex jiġu replikati, ittrasferiti jew razzjonalizzati.

Emenda

(d) biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji, sistemi, metodi u strumenti innovattivi tal-adattament li jkunu tajbin biex jiġu replikati, ittrasferiti jew razzjonalizzati ***u li jiffokaw fuq l-approċċi bbażati fuq l-ekosistema.***

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) biex jappoġġa l-komunikazzjoni, l-immaniġġjar u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fil-qasam tal-klima, u biex jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-għarfien

Emenda

(b) biex jappoġġa l-komunikazzjoni, l-immaniġġjar u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fil-qasam tal-ambjent, u biex jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien dwar

dwar soluzzjonijiet u prattika klimatiċi ta' suċċess, inkluż bl-iżvilupp ta' pjattaformi għall-kooperazzjoni bejn il-partijiet konċernati, u taħriġ;

soluzzjonijiet u prattika ambjentali ta' suċċess, inkluż bl-iżvilupp ta' pjattaformi għall-kooperazzjoni bejn il-partijiet konċernati, u taħriġ, **maħsuba għall-gruppi tal-età kollha u l-kategoriji ekonomiċi u soċjali;**

Ġustifikazzjoni

Il-parteciċipazzjoni taċ-ċittadini, indipendentement mil-livell tagħhom ta' struzzjoni jew l-età tagħhom għandha tgħin biex jitjieb l-għarfien ta' dan il-programm u tiżdied il-parteciċipazzjoni fl-inizjattivi tiegħu.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Tal-anqas 78% tar-riżorsi baġitarji tal-programm LIFE għandhom jiġu allokati għall-istrumenti finanzjarji u għall-għotjiet ta' proġetti.

Ġustifikazzjoni

L-objettiv l-aktar importanti tal-programm LIFE, primarjament li jipprovdi finanzjament lill-proġetti, irid jiġi kkonsolidat billi jindirizza parti minima tal-ħidma tiegħu lejn l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 18.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 18 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

d) proġetti integrati primarjament fl-oqsma tan-natura, l-ilma, l-iskart, l-arja, u tal-mitigazzjoni u l-adattament għall-bidla klimatika;

d) proġetti integrati primarjament fl-oqsma tan-natura, l-ilma, ***l-ambjent tal-baħar, tal-ħamrija***, l-iskart, l-arja, u tal-mitigazzjoni u l-adattament għall-bidla klimatika;

Ġustifikazzjoni

Idem AM 13.

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) biex tkun politikament newtrali.

Ġustifikazzjoni

Ma għandu jkun hemm l-ebda suspett ta' sussidjar politiku bil-fondi LIFE.

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Proġetti Integrati msemija fl-Artikolu 18 il-punt (d) għandhom jinvolvu, fejn xieraq, lill-partijiet konċernati u jippromwovi, meta possibbli, il-koordinazzjoni ma' sorsi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni u l-mobilizzazzjoni ta' dawn.

3. Il-Proġetti Integrati msemija fl-Artikolu 18 il-punt (d) għandhom **ikunu aċċessibbli u** jinvolvu, fejn xieraq, lill-partijiet konċernati u jippromwovi, meta possibbli, il-koordinazzjoni ma' sorsi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni u l-mobilizzazzjoni ta' dawn.

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Ir-rata massima ta' kofinanzjament għall-proġetti msemija fl-Artikolu 18 għandha tkun **70 %** tal-ispejjeż eliġibbli. **Eċċezzjonalment**, ir-rata massima ta' kofinanzjament għal proġetti msemija fl-Artikolu 18, il-punti (d) u (f) għandha tkun

1. Ir-rata massima ta' kofinanzjament għall-proġetti msemija fl-Artikolu 18 għandha tkun **50 %** tal-ispejjeż eliġibbli. Eċċezzjonalment:

80 % tal-ispejjeż eliġibbli.

– ir-rata massima ta' kofinanzjament għal proġetti msemmija fl-Artikolu 18, il-punti (d) u (f) għandha tkun 75 % tal-ispejjeż eliġibbli.

– *fir-reġjuni l-aktar imbiegħda msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, u fil-gżejjer u ż-żoni muntanjużi u r-reġjuni l-aktar fit-Tramuntana b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, kif elenkati fl-Artikolu 174 tat-TFUE, ir-rata massima ta' kofinanzjament għall-proġetti msemmija fl-Artikolu 18(a), (b), (c), (e), (f), (g) u (h) għandha tkun ta' 60%, u għall-proġetti msemmija fl-Artikolu 18(d) u fl-Artikolu 12(a) għandha tkun ta' 85%.*

Ġustifikazzjoni

Jekk il-VAT li ma jistax jiġi rimborsat u l-ispejjeż tal-persunal jibqgħu nefqa eliġibbli, li wieħed jirritorna għar-rata ta' kofinanzjament inizzjali jippermetti li jiġi stabbilit ekwilibriju finanzjarju meħtieġ u diversità tal-proġetti. Żieda ta' 25% għall-proġetti integrati għandha tappoġġja proposta li tkun maħsuba b'mod ċar biex issaħħaħ l-effett ta' ingranaġġ u l-karattru integrat tal-programm LIFE. Barra minn hekk, ir-reġjuni li għandhom żvantaġġi ġeografiċi permanenti għandhom jingħataw rati oġhla ta' kofinanzjament.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-VAT **ma għandhiex** titqies bħala kost eliġibbli għall-proġetti msemmija fl-Artikolu 18.

Emenda

2. Il-VAT **għandha** titqies bħala kost eliġibbli għall-proġetti msemmija fl-Artikolu 18 **sakemm titħallas mill-benefiċjarju finali, f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2006/112/KE, u li ma tistax tiġi rkuprata mir-reġim tal-VAT nazzjonali applikabbli. Kwalunkwe talba ta' eliġibilità għandha tiġi sostanzjata minn dokumenti ġustifikattivi xierqa fornuti mill-awtoritajiet tal-verifika jew ta' ċertifikazzjoni kompetenti fl-Istati Membri.**

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni li teskludi l-kost tal-VAT minn riskji ta' eliġibilità biex teskludi parti kbira ta' benefiċjarji potenzjali mill-programm LIFE u toħloq trattament inugwali fl-Istati Membri minħabba rati tal-VAT li jvarjaw u possibiltajiet li jvarjaw għall-irkupru tal-VAT. Barra minn hekk din il-bidla tkun ta' inċentiv biex isiru anqas attivitajiet li jiġġeneraw VAT, bħall-azzjonijiet ta' disseminazzjoni u viżibilità (seminars, ipprintjar ta' materjal eċċ.).

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. In-nefqa marbuta mal-kost tal-persunal permanenti tista' tkun eliġibbli sakemm tkun marbuta mal-kost tal-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett.

Ġustifikazzjoni

Fil-“memorandum ta' spjegazzjoni” l-KE tipproponi li tillimita jew teskludi l-eliġibilità tal-kosts għal persunal permanenti li ma jkunx rekrutat speċifikament għall-proġett, biex jitnaqqsu l-problemi ta' monitoraġġ u rappurtar. Dan ikollu impatti negattivi fuq il-kwalità u l-fattibilità ta' proġetti speċjalment ta' organizzazzjonijiet governattivi iżgħar u organizzazzjonijiet mhux governattivi, li jiddependu fuq il-kontinwità tal-persunal permanenti u l-għarfien espert tagħhom, u li l-membri tal-persunal tagħhom jaħdmu part-time f'bosta proġetti fl-istess ħin.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 23

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Programm LIFE jista' jiffinanzja korpi pubbliċi u privati.

Il-Programm LIFE jista' jiffinanzja korpi pubbliċi.

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi żgurat li l-użu tal-fondi jkun effiċjenti u newtrali f'termini ta' valuri u jiġi pprovdut valur miżjud massimu għar-reġjun u mhux għall-interessi individwali.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta **programmi** ta' ħidma multiannwali għall-Programm LIFE. **Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 29(2).**

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha **tingħata s-setgħa li** taddotta **atti ddelegati skont l-Artikolu 30 rigward l-adozzjoni tal-programmi** ta' ħidma multiannwali għall-Programm LIFE **u għandha tiżgura li l-partijiet interessati jkunu kkonsultati kif suppost meta jiġu żviluppati l-programmi ta' ħidma multiannwali.**

PROĊEDURA

Titlu	L-Istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)
Referenzi	COM(2011)0874 – C7-0498/2011 – 2011/0428(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 15.12.2011
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 15.12.2011
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Patrice Tirolien 26.1.2012
Data tal-adozzjoni	11.7.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 39 –: 7 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Charalampos Angourakis, Catherine Bearder, Victor Boştınaru, John Bufton, Salvatore Caronna, Nikos Chrysogelos, Francesco De Angelis, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Vladimír Maňka, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Younous Omarjee, Markus Pieper, Monika Smolková, Ewald Stadler, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Březina, Karima Delli, Ivars Godmanis, Juozas Imbrasas, Maurice Ponga, Elisabeth Schroedter, Richard Seeber, Patrice Tirolien
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Hans-Gert Pötering, Konrad Szymański